

- 2) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikoli 20 u 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet ta' ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika għal ċittadini tal-Unjoni u għal membri tal-familji tagħhom li ma jkunux ikkonformaw ruħhom ma' deċiżjoni ta' tmiem ta' residenza minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika dispożizzjoni identika għal dik applikata għal ċittadini ta' Stati terz fl-istess sitwazzjoni fir-rigward tat-terminu massimu ta' detenzjoni għall-finijiet ta' tneħħija, jiġifieri tmiem xhur?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsjaliziran nakazatelen sad (il-Bulgarija) fl-1 ta' Ottubru 2019 – Proċeduri kriminali kontra HP

(Kawża C-724/19)

(2019/C 413/36)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Spetsjaliziran nakazatelen sad

Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali

HP

Domandi preliminari

Leġiżlazzjoni nazzjonali (f'dan il-każ il-punt 1 tal-Artikolu 5(1) taz-Zakon za Evropeyskata zapoved za razsledvane (il-Liġi dwar it-Talba għal Investigazzjoni Ewropea)) li tidentifika lill-prosekutur bħala l-awtorità kompetenti, fil-kuntest tal-fażi preliminari tal-proċedura kriminali, sabiex toħroġ talba għal investigazzjoni Ewropea li tikkonċerna t-trażmissjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni relatata ma' telekomunikazzjonijiet, hija konformi mal-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (¹) u mal-prinċipju ta' ekwivalenza, sa fejn, fl-istess sitwazzjoni fil-kuntest nazzjonali, l-awtorità kompetenti hija mħallef?

Ir-rikonoxximent ta' din it-talba għal investigazzjoni Ewropea mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni (prosekutur jew imħallef istrutturju) jista' jissostitwixxi d-digriet ta' mħallef li jeżiġi d-dritt tal-Istat emittenti?

(¹) ĠU 2014, L 130, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 143, p. 16.